KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Kontinwazzjoni tal-Minuti tad-Dsatax-il Laqgħa ( 19 ) tal-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 20 ta' Gunju 2012 fl-Uffiċċju Amminstrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-18.00 ta' filgħaxija. Din hija l-Għoxrin Laqgħa ( 20 ).

Il-Laqgħa bdiet fis-18.15 ta' filgħaxija.

Preżenti għal-Laqgħa:

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Cerpersin Raymond Bartolo | 18.15 p.m. | 19.36 p. m |
| Viċi-Cerpersin Simone Aquilina | 18.15 p.m. | 19.36 p. m |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Peter Abela | 18.15 p.m. | 19.36 p. m |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Carmel Hili | Assenti | |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Joseph Mario Hili | Assenti | |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv George Abdilla | Preżenti | |

**Punti imqajjma mill-Minuti:**

**7.01** Pjanti. Diversi proposti ġew mitkellma. Hemm il-ħsieb li jsiru numru ta' pjanti viċin tad-djar, għalhekk wieħed irid jara kemm jistgħux jinxtraw. Ray Bartolo ser jiċċekja x'hawn fis-suq. Peter Abela qal li jippreferi li ninvestu f'pjanti ikbar.

Inqabel li jintefqu 1,000 euro fuq pjanti fis-sena għat-tisbieħ tal-lokalita'.

**8.01** Triq is-Sardin twaħħlet it-tabella.

**8.03** Il-B u ċ-Ċ saru.

**Korrispondenza u komunikazjoni** – ser jiġu diskussi fil-Laqgħa li jmiss, minħabba li ma tlestitx għal din il-Laqgħa.

5 – Żvilupp f'żona ODZ – ġie deċiż li l-Kumitat Amministrattiv Burmarrad ser jappoġġja r-residenti tal-Wardija, Ramblers Assocation u Flimkien Ambjent Aħjar. Ser tintalab Laqgħa mal-Assoċjazzjoni.

Ser jintaqgħu magħhom bħala Kumitat Peter Abela, Simone Aquilina, Ray Bartolo.



Sindku : Mario Salerno
Viċi Sindku : Alexander Bezzina
Kunsilliera : Graziella Galea, John Bray, Raymond Tabone, Mandy Buħaġiar, Peter Abela, Jason Camilleri, Robert Piscopo, Anne Marie Fenech, Daniel Grima, Jane Chircop, Carmel Hili
Aġent Segretarju Eżekuttiv : George Abdilla

7 - UIF Funds 75K parti mill-flus imorru għal *Picnic Area* tal-Wardija, u parti oħra Burmarrad *playing field.* Gie deċiz li Ray Bartolo ser ikellem lill-Perit Magri biex jiġi mħejji d-dokumenti tal-Offerta.

**Aġġornamenti**

Simone Aquilina qiegħda tistenna risposta fuq il-*bins* tal-Wardija. L-ismijiet tat-toroq saru.

Simone Aquilina qed tissuġġerixxi li tinkiteb ittra lir-Reġjun tat-Tramuntana sabiex jipprotestaw għall-fatt li r-residenti tal-Wardija qed jingħataw trattament inferjuri fejn jidħol *Law Enforcemnt* li huwa fir-responasibbilta' tar-Reġjun Tramuntana. Meta kien hemm ir-Residents Association u kif ukoll issa l-Kumitat Amministrattiv Burmarrad dejjem resqu ilmenti ma' min kien kompetenti li jieħdu ħsieb l-infurzar fil-lokalita'. Il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad qed jitlob azzjoni immedjata dwar abbuż sfaċċat fis-segwenti:

Ipparkjar fuq *Double Yellow Lines* fi Triq il-Wardija, Triq Busewdien, Triq il-Madonna ta' L-Abbandunati.

Daqq ta' ħornijiet tal-vetturi f'siegħat li dan l-użu huwa projbit,

Abbuż ta' rimi ta' tazzi u affarijiet oħra, u storbju ieħor.

Il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad qed jitlob rendikont ta' kemm qed jingħataw ċitazzjonijiet fir-raħal tal-Wardija għax milli jidher mhux qed issir infurzar.

Iċ-Cerpersin semma l-*Culvert* fiż-żona tas-Safsafa l-Wardija. Intalbet li tinħareġ il-*Purchase Order* għas-servejer sabiex jibda is-*survey.*

Il-websajt miexja u sal-aħħar ta' Gunju għandha tkun lesta.

Peter Abela - qal prosit lil Ray Bartolo tal-organizzazzjoni għall-attivita' Festa Bdiewa f'Burmarrad. Talab ukoll li jsir studju ta' *Landscaping* fiż-żona tal-i*Scotts Supermarket.* Iċ-Cerpersin inkariga lill-Peter Abela biex jieħu ħsieb dan il-landscaping u li x-xogħlijiet issa kienu bdew.

Ray Bartolo semma wkoll fuq il-kwotazzjoni tat-Terracore.

Triq l-Arġentier kellhom isiru xi xogħlijiet ta' tarmak.

HSBC aċċettaw li jaghlqu 4 W*elcome boards*, Sadanitant qed issir pressjoni lid-Dipartiment fuq l-istemma sabiex tibda tintuża.

Saru dwal f'San Pawl Milqi għal valur ta' madwar 1,000 euro.

**Għeluq tal-Laqgħa**

Il-Laqgħa spiċċat fis-19.36 ta' filgħaxija. Il-Laqgha li jmiss ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 25 ta' Lulju 2012 fil-17.30 ta' filgħaxija.

***Ray Bartolo***
***Ċerpersin***

18 ta' Lulju 2012

***George Abdilla***
***Aġent Segretraju Eżekuttiv***

Ref: 55 / 7066 / 12 / OCZ